*Quando fui presso a la beata riva,*
*"Asperges me" si dolcemente udissi,*
*che nol so rimembrar, non ch'io lo scriva.*

(Purg. XXXI 97-99)

Wara li l-poeta jitlaq wara spallejh dak kollu li bieghdu minn Alla, wara li jixrob l-ilma tal-grazzja mix-xmara Eunoè, issa jħossu mhejji biex flimkien ma' Beatrice jżur is-saltna t'Alla, u jara b'għajnejh il-ġmiel, il-kobor, il-qdusija tas-Sema.

# FTIT BISS!

*Ta' ALFRED DeGABRIELE.*

Min għajjar
u żeblaħ
Ilsienek, ja Malta,
u ċaħad ġrajjietek
ħa jxejnek,
ħa jgħassrek,
fl-imgħoddi
fil-hemm,......
rajt ħafna!

Minn ħarab
mill-ħsara
t'għajnejk bil-mogħdrija,
fil-jiem li kont xtaqtu,
u tħabbeb
ma' l-għadu
u qagħ'd jara
bil-ħrara mill-bogħ'd
il-qirda ta' blietek,
ja Malta, ...
ja Malta,......
rajt ħafna!

Min ċaħad,
bla staħa,
il-bewsa qarrieqa
u libes id-dieqa
biex tħażżem bl-imħabba,
u nfatam mill-bqija
u bata
u ssielet għal ġieħek,
fl-imgħoddi jew issa,
ja Ommi ħanina,......
ftit kienu!



# EPIGRAMMI

*Ta'* P. P. SAYDON

Minn ftit 'il hawn aktar minn kittieb wieħed beda jitħajjar jikteb epigrammi. Fl-aħħar għadd ta' IL-MALTI għandna l-epigrammi ta' Anton Buttigieg (faċċ. 115). Epigrammi oħra dehru fi IL-MALTI (1954, 53; 1958, 85-89; 1959, 23; 1961, 57; 1964, 115-116). Ara wkoll il-ktejjeb ta' Patri D. Mintoff, O.F.M., *L-Epigramma fil-Malti*. Ma' dawk li kont ktibt fis-sena 1958 irrid inżid hawn oħra u magħhom inżid ukoll xi tagħrif ieħor żgħir li ma jinstabx fil-ktieb ta' P. Mintoff.

L-epigramma fil-forma tiegħu klassika hu ħsieb wieħed imfisser fi ftit kliem b'forma poetika. Aktarx li hu magħmul minn żewġ versi; xi drabi minn erbgħa, bħall-epigramma *Lil . . . wieħed* miġjub f'*Leħen il-Malti* Sett. 1932 bil-firma C. V., li P. Mintoff ħaseb li jfissru Karmenu Vassallo (faċċ. 9). Imma l-epigramma hu tiegħi. C. V. hu psewdonimu, isem falz u xejn aktar. Il-ħsieb imfisser fl-epigramma fih dejjem xi tingiża ħafifa ta' xi nuqqas ta' nies magħrufa, għakemm mhux bil-fors nies kbar. B'daqshekk ma għandniex inqisu l-epigramma bħala tagħjira u ninqdew bih biex ingħajjru 'l għajrna. Xi drabi jiġri li wieħed daqskemm iħoss it-tingiża tal-epigramma jaħsbu miktub għalih, jieħu għalih, jiġġieled mal-kittieb jew jikteb kontra tiegħu u jgħajjru. Min jagħmel hekk juri li ma jafx xinhu epigramma jew jidhirlu li hu waħdu fid-dinja ma għandu l-ebda nuqqas u ma ħaqqux ħlief tifħir. L-epigramma għandu jkun ġej mill-ħajja, mhux mill-moħħ biss, bħala tingiża rqiqa għal xi nuqqas dieher, ngħidu aħna xeħħa, regħba, kburija, ftaħir żejjed u nuqqasijiet oħra li ftit jew wisq jinsabu fuq il-kotra tan-nies. U mhux tingiża biss, imma wkoll daqsxejn ta' daħka, jiġifieri tniggeż 'il xi ħadd u fl-istess ħin twaqqgħu ftit għad-daħk. Xi drabi jiġri li l-epigramma ma jkun fih xejn minn dan kollu, u la tingiż u lanqas daħk, imma biss xi fatt li ma tantx ikun komuni. Nieħdu dal-kas: Alexander Pope kien kittieb kbir Ingliż; meta kien fil-bżonn ta ruħu għat-traduzzjonijiet, u ittraduċa fost ħwejjeġ oħra 'l Omeru. Tat-traduzzjoni tal-Iliade daħħal ħamsa jew sitt elef lira li bihom xtara dar u l-art ta' magħha fi Twickenham fuq ix-xatt tat-Tamiġi xi tnax-il mil bogħod minn Londra, u hemm kien igħix bil-kumdità kollha. Wieħed Taljan kitiblu epigramma li bil-Malti jfisser hekk: Miet bil-ġuħ Omeru, u fuq dahru kien igħix bil-lussu t-traduttur Ingliż. L-ebda tingiża, l-ebda daħka, imma biss fatt minn dawk li ma jiġrux kuljum, imfisser b'mod veru, li jogħġob. Għal-